

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10262/26

LIMITE

**CORLX 588
CFSP/PESC 861
EPF AM 88
COPS 336
POLMIL 228
CSDP/PSDC 364
EUMC 220
CSC 386
COAFR 173**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2377 dwar miżura ta' assistenza fl-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2377 dwar miżura ta' assistenza
fl-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi
b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Novembru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2377¹ li stabbiliet miżura ta' assistenza fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.
- (2) Il-ġestjoni ta' dik il-miżura ta' assistenza jenħtieġ li tinbidel minn ġestjoni diretta għal ġestjoni indiretta, peress li l-attur responsabbli mill-implimentazzjoni issa jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2377 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2377 tal-24 ta' Novembru 2025 dwar miżura ta' assistenza fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L, 2025/2377, 25.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2377/oj>).

Artikolu 1
Emendi għad-Deċiżjoni (PESK) 2025/2377

Fid-Deċiżjoni (PESK) 2025/2377, l-Artikolu 4(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "2. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1(3) ta' din id-Deċiżjoni għandha titwettaq mill-*Econamat des Armées* .".

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill
Il-President
